MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Numru 932/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Borg**

**V**

**MARCO sive MARK SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARCO sive MARK SPITERI** ta' tlieta w erbghin sena bin Alfred u Elizabeth nee Townsend, imwieled Pieta nhar t-tnax ta' Ottubru 1961 u residenti 40/4, Triq Natalie Poutatine, Sliema, detentur ta' karta tal-identita numru 683261M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn l-ahhar snin, f'dawn il-Gzejjer, u cioe fil-perjodu ta' bejn l-ewwel ta' Jannar 1999 u l-wiehed u tletin ta' Mejju 2003, b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew

ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita tieghu bhala direttur tal-kumpanija St. George's Catering Limited, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe approprja ruhu minn flejjes migbura bhala VAT mill-kumpanija St. George's Catering Limited, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' aktar minn hamsin elf lira maltin, liema flejjes jappartjenu lil Gvern ta' Malta u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu jew minhabba depositu necessarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-*letter to prosecute* mahruga mid-Dipartiment tal-VAT sabiex jigu inizjati proceduri fil-konfront tal-imputat odjern ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta esibita a fol 18 et seq tal-atti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 fol 56.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-erbatax ta' Dicembru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn ta' Marzu 2005, **xehed l-Ispettur Kevin Borg** [fol 11] li qal nhar l-erbatax ta' Settembru 2004, hu kien ircieva kwerela minghand Paul Scicluna ghan-nom tal-VAT Department fejn kien hemm allegazzjoni fil-konfront tal-imputat odjern. Kien gie allegat li l-imputat

kien direttur tas-socjeta St. George's Catering u kien issottometta diversi *returns* lil VAT Department li ma kienx ghamel pagamenti fl-ammont ta' tlieta w hamsin elf u mitt lira maltin u erbghin centezmu. In segwitu ghal din l-ittra, hu kien tkellem ma Paul Scicluna u kien ccekkja l-VAT *returns* w irrizultalu li kienu gew iffirmati mill-imputat odjern. Zied jghid li fil-hmistax ta' Ottubru 2004, hu kien baghat ghal imputat fejn, wara li tah s-solita twissija, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija li esibixxa u li giet mmarkata bhala dokument KB [fol 14]. Ix-xhud gharaf fuq din l-istqarrija kemm il-firma tieghu, dik ta' WPS 95 J. Farrugia kif wkoll tal-imputat odjern. Qal li hu kien staqsa lil imputat jekk kienx direttur tas-socjeta St. George's Catering Limited u jekk kienx l-uniku wiehed u l-imputat kien irrispondih li dak z-zmien kien l-uniku direttur. Staqsih jekk il-kumpanija kienetx ghadha topera u l-imputat kien qallu li kienet waqfet. Staqsih jekk kienx baghat dawk l-VAT *returns* u l-imputat rrispondih fl-affermattiv. Staqsih jekk kienx minnu li kellu jaghti s-somma ta' tlieta w hamsin elf u mitt lira maltin u erbghin centezmu u l-imputat rrispondih li kien minnu. Staqsih ghaliex ma kienx hallas dik s-somma u l-imputat irrispondih li kien uza dawk l-flejjes ghal haga ohra u cioe biex jhallas l-pagi, l-kera u affarijiet ohra in konnessjoni mal-kumpanija.

In kontro ezami, ix-xhud Spettur Kevin Borg, meta gie mistoqsi x'tirrappresenta s-somma ta' tlieta w hamsin elf u mitt lira maltin u erbghin centezmu, rrisponda li kien ikun ahjar li din il-mistoqsija tigi ndirizzata lil membru tal-VAT. Qal li meta kien baghat ghal imputat u staqsih jekk kienx ipprova jaghmel akkordju mal-VAT Department, l-imputat kien wiegbu li kien ser imur biex jirranga kollox. Qal li l-imputat kien lest li jirranga kollox wara li l-Pulizija baghtet ghalih. Qal li skond ma qallu Paul Scicluna, r-rappresentant tal-VAT Department, l-imputat kien ikkomunika mieghu.

Illi nhar t-tnejn ta' Marzu 2005, **xehed Paul Scicluna** [fol 16] li qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rappresentanza tal-VAT Department w esibixxa l-*letter to prosecute*, li hija ffirmata minnu ghan-nom tal-

Kummissarju tal-VAT Department, li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 18]. Ix-xhud esibixxa wkoll r-*registration form* iffirmata mill-imputat odjern ghan-nom tal-kumpanija St. George's Catering Limited, li giet mmarkata bhala dokument PS 1 [fol 18 et seq] u tmintax il-denunzja li saru ghan-nom tal-kumpanija St. George's Catering Limited bejn Jannar 1999 u l-wiehed u tletin ta' Mejju 2003, li gew mmarkati bhala dokument PS 2 [fol 18 et seq].
Ix-xhud Paul Scicluna zied jghid li s-somma dovuta hija ta' tlieta w hamsin elf u mitt lira maltin u erbghin centezmu, rappresentanti s-somma li hija kollha VAT, bla ebda penali u cioe hija taxxa netta kif dikjarata mill-istess imputat. Qal li in segwitu ghal dan r-rapport maghmul minnu lil Ufficjal Prosekutur, kien mar jkellmu l-imputat flimkien mal-avukat difensur tieghu, Dottor Shaheryar Ghaznavi, fuq *payment terms* u kien ghamillu proposta li fis-sena 2004 ma jhallas xejn u fis-sena 2005 ihallas mija u sittin lira maltin fix-xahar, li kien jigi pagament ghal erbatax il-sena. Ix-xhud esibixxa din il-proposta li kien issuggerilu l-imputat li giet mmarkata bhala dokument PS 3.

Illi nhar t-tnejn ta' Marzu 2005, **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 58 li qal li fil-kumpanija St. George's Catering Limited, li topera zewg lukandi, hu kien direttur. Qal li l-kumpanija 'n kwistjoni kienet speci ta' *franchise* ta' dawn iz-zewg lukandi u li hu kien ikun presenti u kien ikun responsabbli ghat-tmexxija u gestjoni tal-kumpanija. Qal li ghall-ewwel kellu tmenin ruh impjegati mieghu u sussegwentement nizlu ghal xi hmistax il-ruh, peress li f'dak il-perjodu tas-sena 2003, l-okkupazzjoni tal-lukanda, minn tmenin fil-mija nizel ghal ghaxra jew hmistax fil-mija w in-negozju tieghu kien waqa w ghalhekk l-likwidita li kellu f'idejh, spicca kwazi ghal kollox.

Zied jghid li wara dan il-perjodu, hu kien ircieva sekwestri u mandati mill-VAT Department. Qal li hu kien qed jopera b'sistema ta' tnax il-*cash register* pero kollha kellhom l-istess numru tal-VAT. Qal li beda jopera n-negozju tieghu fil-wiehed u tletin ta' Mejju 1995 u mieghu kellu jahdem

*accountant* li kien johodlu hsieb l-aspett finanzjarju tan-negozju tieghu.

Qal li wara s-sena 1999, ma kienx beda jhallas l-VAT kollu peress li ma kellux fondi bizzejjed, ghaliex meta kien jaghti l-kera u l-*payrolls*, ma kienx jifdallu flus. Cahad li qatt qal lil tal-VAT li hu ma kienx irid jhallas u meta mar jkellimhom huma ma laqghux s-suggeriment tieghu. Qal li fil-fatt, aktar tard, l-VAT kien jhallasha b'mod regolari u li meta ma kienx jhallas l-VAT, is-salarji tal-haddiema kien jaghtihomlhom. Qal li sa dak z-zmien kien diga hallas s-somma ta' mitejn u tletin elf lira f'VAT. Qal li gieli kien iddecida li jhallas lil haddiema qabel ma jhallas lid-dipartiment tal-VAT, pero d-decizjoni li l-VAT ma jithallasx qatt ma ttiehdet. Qal li deherlu li l-aktar importanti kien li jhallas lil haddiema qabel ma jhallas l-VAT Departiment.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn, din il-Qorti tiddikjara li hija hadet qies n-nota ta' sottomissjonijiet ppresentata mill-imputat nhar l-erbgha ta' Jannar 2006 u b'mod partikolari s-sentenza ndikata minnu u cioe dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v Dottor Seigfried Borg Cole w appuntu ghal dak l-istess paragrafu citat mill-imputat li jghid s-segwenti b'referenza ghal dak l-istess kaz:

"F'dan il-kaz, ma kienx hemm d-dolo rikjest mill-ligi u cioe l-intenzjoni li l-appellant japproprja ruhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm ghan nom ta' Gagloine jew ta' Abela. <u>L-appellant la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga llegali semplicement ghaliex ittardja li jaghmel l-konteggi mehtiega w inqas voluntarjament ikkommetta ossia dawwar l-flus bi skop li jaghmel profitt minn dik l-konversjoni</u>." [sottolinear ta' <u>dik</u> l-Qorti]

Issa, fil-kaz in ezami, mill-provi prodotti ma hemmx dubbju, li r-reat ta' misapproprjazzjoni jirrizulta b'mod sodisfacenti kuntrarjament ghal dak li gara fil-kawza citata mill-imputat, u dan ghaliex, kif stqarr l-imputat stess, l-

imputat kien zamm ghalih l-flus li huwa rcieva minghand l-klijenti u li kienu dovuti lejn il-VAT Departiment. Skond d-dokument mahrug mill-ufficju tal-VAT esibit a fol 18 et seq tal-atti, l-ammont mhux imhallas hu ta' tlieta w hamsin elf u mitt lira maltin u dan l-ammont qatt ma gie kontestat.

L-imputat kien jaf mill-bidu nett li l-flus migbura minnu kienu tal-VAT Department u mhux tieghu w ghalhekk qatt ma kellu d-dritt li jzommhom u jaghmel uzu divers minnhom.

Illi ma hemmx dubbju li l-imputat agixxa b'mod intenzjuz fis-sens li kien jaf x'kien qed jaghmel w ghalhekk kellu x-xjenza fl-agir tieghu billi hallas debiti ohra li kellu bil-flus li hu kellu jghaddi lid-dipartment tal-VAT u dan hu proprju l-profitt li l-imputat ghamel bl-agir tieghu.

Illi l-imputat bl'agir tieghu zamm flus li gew mghoddija lilu bl-zu specifiku li jigu mghoddija lil ufficju tal-VAT.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 et seq tal-atti odjerni markata bhala dokument CSH 1, minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu fedina penali li fuqha hemm registrati zewg *convictions* wahda fis-sena 1996 li tirrigwarda xi reat minimu naxxenti mill-Kap 231 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghata multa w ohra fis-sena 2003 rigwardanti z-zamma ta' magna tal-loghob minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn inghata amenda.

Rat wkoll li l-ammont dovut lil VAT Department, huwa ammont sostanzjali w ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija sospiza.

**Il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 18, 293, 294, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed ssib lill-imputat MARCO sive MARK SPITERI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu tikkundannah ghal perjodu ta' erbatax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservawha.**

**L-imputat minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------